

I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1134/2007

ta' l-10 ta' Lulju 2007

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2866/98 dwar ir-rata ta' konverżjoni għall-euro għal Malta

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 123(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2866/98 tal-31 ta' Diċembru 1998 dwar ir-rati ta' konverżjoni bejn l-euro u l-munita ta' l-Istati Membri li jadottaw l-euro ⁽²⁾ jidde-termina r-rati ta' konverżjoni mill-1 ta' Jannar 1999.
- (2) Skond l-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, Malta hija Stat Membru b'deroga kif definit fl-Artikolu 122 tat-Trattat.
- (3) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/504/KE ta' l-10 ta' Lulju 2007 bi qbil ma' l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni minn Malta tal-munita unika fl-1 ta' Jannar 2008 ⁽³⁾, Malta tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-

adozzjoni tal-munita unika u d-deroga favur Malta għandha tiġi rrevokata mill-1 ta' Jannar 2008.

- (4) L-introduzzjoni ta' l-euro f'Malta teħtieġ l-adozzjoni tar-rata ta' konverżjoni bejn l-euro u l-lira Maltija. Din ir-rata ta' konverżjoni għandha tkun stabbilita għal 0,4293 liri Maltin għal kull euro, li tikkorrispondi mar-rata ċentrali preżenti tal-lira fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju (ERM II).

- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 2866/98 għandu għaldaqstant jiġi emendat skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2866/98, il-linja li ġejja għandha tiddaħħal bejn ir-rati ta' konverżjoni applikabbli għall-frank tal-Lussemburgu u għall-guilder Olandiż:

"= 0,429300 liri Maltin",

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Lulju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

F. TEIXEIRA DOS SANTOS

⁽¹⁾ ĠU C 160, 13.7.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 359, 31.12.1998, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1086/2006 (ĠU L 195, 15.7.2006, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 186, 18.7.2007, p. 32.